MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 206/2009

Kawza fil-lista: 19

**B-C D**
**vs**
**E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' April 2005, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f], u dak tal-konvenut, fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null; u ghaldaqstant l-attrici qeda titlob li z-zwieg jigi dikjarat null minn din il-Qorti, bl-ispejjez a kariku ta' l-intimat;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut aderixxa mat-talba attrici, izda sostna li l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat jezisti fil-konfront taz-zewg partijiet; u li l-ispejjez ghandhom jigu divizi wgwalment;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-2 ta' April 2005 huwa null fil-ligi fit-termini ta' l-artikolu tal-ligi fuq citat. Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel ma' din it-talba, izda jsostni li t-tort fit-termini tal-paragrafu [d] huwa attribwibbli liz-zewg partijiet.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' April 2005 wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sentejn. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa tlett snin il-partijiet infirdu. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni attrici*

Illi l-attrici tispjega li matul is-sentejn li kienu johorgu flimkien qabel iz-zwieg, ma kienx hemm problem bejn il-partijiet. Huma kienu ddecidew li jizzewwgu u ppjanaw li jibnu familja, u circa sena qabel iz-zwieg kienu xtraw dik li kellha tkun id-dar konjugali taghhom.

Izda wara z-zwieg l-affarijiet imbiddlu ghall-hazin. Wara sena miz-zwieg il-konvenut beda juri lill-attrici x-xewqa tieghu li jahdem barra minn Malta u li l-partijiet imorru jghix barra. Eventwalment irrizulta li din kienet ossessjoni da parti tal-konvenut, u l-attrici kienet topponi bil-qawwa ghal dan il-pjan, stante li hi kienet izzewwget biex tghix u tibni familja Malta. Dan kien fonti ta' inwkiet serju kontinwu bejn il-partijiet li beda jaffettwa anke r-relazzjonijiet intimi taghhom.

L-attrici tghid ukoll li, dak li fl-gherusija kien passatemp tal-futbol da parti tal-konvenut, spicca biex immanifesta ruhhu f’ ossessjoni, b’ mod li l-konvenut kien jmur kwazi kuljum ghall-futbol, bir-rizultat li l-partijiet kienu ftit li xejn jiltaqghu ma’ xulxin, stante li, filwaqt li l-attrici kienet tirritorna d-dar mix-xoghol fil-4.00pm, il-konvenut kien jahdem bis-shift, u l-hin liberu tieghu kien jiddedikah ghall-futbol.  L-attrici tghid: “Kif jista’ jkollok relazzjoni jekk ma’ tarax il-partner [zewgha]?” [fol.44]

Rizultat ta’ dan, il-partijiet, wara sena miz-zwieg, bdiet diehla l-bruda fir-relazzjonijiet intimi, billi l-att taz-zwieg, li dejjem sar bi prekawzzjoni biex l-attrici ma tohrogx tqila, kien isir rarament;  u, filwaqt li l-konvenut ma baqax javvicina lill-attrici, huwa kien jibqa’ biered fil-konfront taghha.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut in sostanza jaqbel mal-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici. Jghid li meta l-attrici kienet topponi ghall-pjan tieghu, huwa kien jaraha bhala ostakolu, u ghalhekk bdiet diehla l-bruda minn naha tieghu fir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom. Jghid, li kien beda jumbraha peress li kien raha ta’ xkiel ghax-xewqa tieghu li jghix barra minn Malta, u ghalhekk ma baqax javvicinaha, u beda juriha li ma kellux l-interess li jaghmel l-att taz-zwieg maghha.

Il-konvenut jispjega li ghalih il-futbol kellu post important hafna f’hajjtu u fid-depozizzjoni tieghu jghid li meta l-attrici zzewwget lilu hija “hadet il-pakkett shih qabel ma zzewwigna, jiena u l-futbol” [fol.54].  Ulterjorment, fuq mistoqsija, jghid li meta huwa resaq ghaz-zwieg ma’ l-attrici il-priorita’ tieghu kienet il-futbol “dejjem” [fol.57]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirraviza fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta li hu kien inkapaci li jaghraf u jifhem l-import tal-hajja konjugali, id-drittijiet u obbligi li din iggib maghha, naxxenti minn unjoni

bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. L-ossessjoni tieghu ghall-futbol irrendiet il-konvivenza matrimonjali bhala ‘second division’ u l-priorita’ tieghu fuq kollox, inkluz iz-zwieg, kienet din l-attivita’ li, kif jirrizulta mill-provi, rrendietu nkapaci li jistabbilixxi ma martu komunjoni ta’ hajja u mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] fuq citat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effetti fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta’ April 2005.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------